MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2025

Appell Inferjuri Numru 3/25 LM

**Albin Sabu (K.I. Nru. 0248889A)**
*('L-appellant')*

***vs.***

**Aġenzija Identità**
*('L-appellata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellant **Albin Sabu (K.I. Nru. 0248889A)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-digriet tal-14 ta' Jannar, 2025, [minn issa 'l quddiem 'id-digriet appellat'] mogħti mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'] fil-proċeduri tal-appell li huwa

ntavola fil-konfront ta**l-Aġenzija Identità** [minn issa 'l quddiem 'l-Aġenzija appellata'] fl-ismijiet fuq premessi, fejn il-Bord ikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tal-5 ta' April, 2024, meta kien ċaħad l-appell tal-appellant.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-appell odjern huma s-segwenti. Fit-12 ta' Mejju, 2023, l-appellant kien ippreżenta applikazzjoni lill-Aġenzija appellata għal permess uniku skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, iżda fit-3 ta' Lulju, 2023, l-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda għar-raġuni li huwa ma kienx residenti hawn Malta b'mod legali fid-data tal-preżentata tagħha.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellant appella d-deċiżjoni quddiem il-Bord fis-6 ta' Lulju, 2023, u d-Direttur għaċ-Ċittadinanza u Espatrijati wieġeb fit-3 ta' April, 2024, fejn sostna li d-deċiżjoni tiegħu għandha tiġi kkonfermata.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

4. Il-Bord wasal għad-digriet appellat wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Il-Bord,*
>
> *Ra r-rikors datat 21 ta' Ottubru 2024.*
>
> *Ra illi l-appellant kien ġie mfakkar permezz ta' email mibgħuta lilu fuq l-indirizz tal-email li <u>hu</u> stess ipprovda lill-Bord, <u>iżda</u> ma deherx għas-seduta (bla raġuni).*

*Illi dan il-Bord kien iddeċieda l-każ fil-5 ta' April 2024 u kien ordna li l-amministrazzjoni tal-Bord tibgħat kopja tad-deċiżjoni lil-partijiet kif is-soltu jsir.*

*Illi l-Bord josserva illi filwaqt illi hemm prova illi l-email tas-smigħ intbagħtet lill-appellant, ma hemmx prova li d-deċiżjoni ntbagħtet lilu u għalhekk ġie miċħud bid-dritt ta' Appell.*

*Illi l-Bord qed jirreferi għad-deċiżjoni tiegħu datata 5 ta' April 2024, u filwaqt illi l-Bord jżomm ferm fis-sens illi l-appellant debitament notifikat ma deherx għas-seduta, wara li dan il-Bord indenja ruħu jappunta l-każ għas-smigħ meta mhuwiex obbligat li jagħmel dan, qed jikkonferma ċ-ċaħda tal-appell u l-preżenti digriet għandu jittieħed bħala deċiżjoni finali ta' dan il-Bord, datat illum, sabiex l-appellat ikollu d-dritt li jappella. Il-Bord jordna llum notifika immedjata lil-appellant u l-konsulent legali tiegħu."*

## <u>L-Appell</u>

5. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu quddiem din il-Qorti fit-23 ta' Jannar, 2025, fejn qiegħed jitlob sabiex jogħġobha:

*"...tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni tal-14 ta' Jannar, 2025 fl-ismijiet fuq premessi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Aġenzija Appellata."*

Jgħid li l-aggravju tiegħu huwa li l-Aġenzija appellata kellha tkun raġonevoli fid-deċiżjoni li hija ħadet fil-konfront tiegħu.

6. L-Aġenzija appellata wieġbet fis-6 ta' Frar, 2025, fejn issottomettiet qabel xejn li l-appell odjern huwa null u inammissibbli *ai termini* tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217, u mingħajr preġudizzju u fil-mertu d-deċiżjoni appellata hija ġusta u għalhekk timmerita konferma.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

7. Il-Qorti ser tikkunsidra qabel xejn il-kwistjoni ta' natura preliminari li qiegħda tissolleva l-Aġenzija appellata, u li permezz tagħha tikkontendi li l-appell odjern huwa null u inammissibbli *ai termini* tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217. Tispjega li skont id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, appell minn deċiżjoni tal-Bord jista' jsir biss fuq punt ta' dritt *"rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III",* u tinsisti li l-appellant mhuwiex wieħed minn dawk il-persuni li huma ndikati taħt dik it-Taqsima, għaliex huwa mhux ċittadin ta' Stat Membru, u lanqas ma jinsab leġittimament fit-territorju ta' xi stat li huwa marbut bi Ftehim dwar Fruntiera. Dan tgħid huwa skont kif stqarret din il-Qorti fid-diversi sentenzi tagħha, li hija tgħaddi sabiex tagħmel riferiment għalihom u tiċċita diversi siltiet minnhom in sostenn tal-argument tagħha.

8. Il-Qorti tikkunsidra li fil-każ odjern, skont l-appellant huwa kien jagħmel żmien jaħdem ma' ċertu Karl Grima Bezzina li kien jiġġestixxi l-istabbiliment Karrot&Ko, u dan sat-22 ta' April, 2022, meta l-impjieg tiegħu ġie tterminat minħabba ta' *redundancy*. Sussegwentement huwa kien sab impjieg ieħor ma' Eeetwell South, iżda l-applikazzjoni sabiex huwa jibdel l-impjieg tiegħu saret aktar minn sena wara fit-12 ta' Mejju, 2023, minħabba diversi diffikultajiet li din sabet sabiex tħaddem is-sistema tal-*online portal* tal-Aġenzija appellata. L-applikazzjoni madankollu ġiet rifjutata, kif diġà ngħad. Minn dak li jirrileva l-appellant stess, jirriżulta li fil-ġurnata tal-preżentata tal-appell tiegħu quddiem il-Bord, huwa la kien ċittadin ta' Stat Membru jew jinsab b'mod leġittimu f'Malta jew fi stat ieħor li huwa marbut bi Ftehim dwar Fruntiera. Għalhekk il-Qorti

m'għandha l-ebda għażla għajr li tikkunsidra li mhijiex kompetenti sabiex tisma' u tiddeċiedi l-appell odjern.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-appell odjern, filwaqt li tiddikjarah irritu u null.**

**L-ispejjeż tal-preżenti proċedura, u dik quddiem il-Bord, għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Christian Sammut**
**Deputat Reġistratur**